MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2006

Numru. 724/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**VIRGINIA MUSCAT bint David Xuereb u Veneranda nee' Azzopardi, imwielda fl-erbgha w ghoxrin ta' Frar, 1971 u residenti 41, Triq l-Ixprunara, Ghajnsielem, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-Identita' numru 5971G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputata **VIRGINIA MUSCAT** bint David Xuereb u Veneranda nee' Azzopardi, imwielda fl-erbgha w ghoxrin ta' Frar, 1971 u residenti 41, Triq l-Ixprunara, Ghajnsielem, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-Identita' numru 5971G, giet mressqa quddiemha u akkuzata talli

nhar is-sittax ta' Awissu, 2006 ghal habta tal-hdax u hamsa ta' filghodu waqt li kienet fi Triq ix-Xatt, Mgarr, limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex:

1) iggestiet attivita' kummercjali minghajr licenzja mill-Awtorita' regolatorja (taqsima licenzji tal-Kummerc);

2) aktar talli fl-istess data, hin u lok poggiet jew qeghdet tabella jew umbrella minghajr il-permessi necessarji mill-awtorita' kompetenti;

Semghet lix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil PS 369 Joseph Mizzi.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavit tal-istess PS 369 Joseph Mizzi u l-okkorrenza minnu esibiti kif wkoll d-dokument tal-ETC.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda prodotta l-akkuza ma tirrizultax ippruvata ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 14(1) tal-Kap 441 u l-artikolu 338(gg) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ma ssibx lil imputata VIRGINIA MUSCAT hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha u tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------